**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Spiridione Zammit]**

**vs**

**Brandon Bugeja**

**Kumpilazzjoni Numru: 641/18**

**Illum, 28 ta' Jannar, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Brandon Bugeja detentur tal-karta tal-identita` numru 150293M.

1. Billi hu akkuzat talli fid-19 ta' Settembru 2018 ghal habta ta' 7am u hinijiet qabel fit-Triq L-Iskola Marsa u/jew f'dawn il-gzejjer minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Carmel Montebello mill-Marsa f'periklu car ikkagunalu hsara fil-

gisem jew fis-sahha tieghu, cioe' ferita ta' natura gravi skond ma ccertifikat Dr. Rebecca Zammit Reg 6033 mill-isptar Mater Dei.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi hebb ghal Carmel Montebello mill-Marsa sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi ghamel lil Carmel Montebello ingurji jew theddid mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi volontarjament kiser il buon ordni u l-paci pubbliku.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Carmel Montebello u tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti.

Rat l-artikoli indikati u cioe' l-Artikoli 214, 215, 216 1a(i)(d), 339 d, e u 338dd tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante li l-imputat ammetta l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, il-Qorti ssib lill-imputat Brandon Bugeja hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti, ukoll bl-applikazzjoni tal-Art. 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Brandon Bugeja b'obbligazzjoni personali ta' elf ewro (€1,000) li jzomm il-kwiet ma' Carmel Montebello u li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena mil-lum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Brandon Bugeja l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

_______________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**